



Fra Ġorġ Micallef OFM Conv.

# Knisja tal-Madonna tal-Karmnu - San Pawl il-Baħar



Madwar is-sena 1850 xi familji nobbli u oħrajn li l-qagħda finanzjarja tagħhom kienet tajba, bdew jibnu xi vilel u djar ta' villeġjatura fil-parti pittoreska tax-xtajta ta' San Pawl il-Baħar, li tinfirex bejn id-daħla tal-Għażżelin u l-oħra tal-Veċċa, b'ħafna tiksir ta' blat u rdumijiet li jiffurmaw xenarju mill-isbaħ li għandna fil-gżejjer Maltin.



Ta' min jgħid li l-knisja parrokkjali tagħna sa dak iż-żmien ma kinitx għada teżisti, u l-knisja l-qadima ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ (illum magħrufa ta' ħdejn il-Gillieru) kienet tinsab imbiegħda mhux ħażin, u l-Maltin minn dejjem kienu mdorrijin li jkollhom knisja jew kappella fil-viċin tagħhom, biex hemm jaqdu d-dmirijiet u d-devozzjonijiet reliġjużi tagħhom. L-akwati ta' din il-knisja kien jagħmel mal-Parroċċa tan-Naxxar, għax kif diġà għidna, San Pawl il-Baħar kienu għadu ma sarx parroċċa. Ġara li l-familja Amato Gauci kienu talbu lil Kappillan tan-Naxxar u lill-Kurja ta' Malta, l-permess għall-bini ta' Knisja ċkejkna f' dawk l-inħawi. Fil-fatt wara li din il-familja akwistat il-permessi meħtieġa, offriet hi stess l-art biex fuqha tinbena din il-knisja. Immedjatament tqabbad il-perit Dr Emanuel De' Baroni Gauci biex jagħmel il-pjanta meħtieġa. Il-bini ta' din il-Knisja beda fis-16 ta' Awwissu 1854 u ntemm fl-10 ta' Frar 1855. Insibu li din tħallset kollha kemm hi min-nies tat-tajjeb u dawk li kienu joqgħodu biswit il-knisja. Nafu li din kienet iżgħar minn kif narawha llum, imma fuq hekk nitkellmu iżjed 'il quddiem. It-tberik solenni tagħha sar fil-15 ta' Mejju 1856 mill-Kappillan tan-Naxxar Dun Ġuzepp Camilleri, bħala delegat tal-Isqof Publio Marija Sant, li kif jidher minn iskrizzjoni mdendla fi kwadru fil-knisja fid-29 ta' April 1857, ta 40 jum indulġenza lill-fidili devoti li jitolbu quddiem ix-xbieha tal-Madonna (kwadru titulari) li ġiet mogħtija mill-Wisq Nobbli Kavallier Markiż Filippu Ġakbu Cassar Desain. Fuq l-imsemmi kwadru nsibu ismu u l-arma ta' familtu. Benefatturi oħra ta' din il-knisja kienu s-sinjuri Dr. Giuseppe Bonavia, Santo Pace, il-Konti Pietru Pawl Theuma Castelletti u Emmanuel Gauci u tant oħrajn li dejjem żammew ħajja din il-knisja mill-aħjar li setgħu.

Għalkemm San Pawl il-Baħar kien sar Parroċċa fl-1905, u din il-knisja waqgħet fit-territorju tagħha, din baqgħet tagħmel mal-Parroċċa tan-Naxxar, u l-kappillan tal-istess parroċċa

Naxxarija kien jaħtrilha rettur biex jieħu ħsiebha. Ġara li madwar is-sena 1920 ir-rettur ta' din il-knisja kien, in-nobbli saċerdot Dun Santino De Piro. Dan ħaseb biex ikabbar din il-knisja li kienet saret wisq żgħira għall-kwantità ta' nies li kienu bdew jifrekwentawha, għax il-popolazzjoni f' San Pawl il-Baħar bdiet kull ma jmur tikber. Twalet kważi d-doppju min-naħa ta' quddiem u saritilha faċċata ġdida, b' gallerija tal-orgni u kampnar li ġie mgħammar b'qanpiena mdaqqsa. Tkabbret ukoll is-sagristija fuq in-naħa ta' wara u fuqha saret kamra biex tintuża għal min ikun rettur. Ix-xogħol sar fuq pjanta tal-perit Edward Borg Cardona, kif jidher minn kwadru fis-sagristija.



Fil-ġenb tal-Knisja n-naħa tat-triq insibu kampnar ċkejken b' qanpiena oħra. X'aktarx din kienet l-ewwel qanpiena li kienet tintuża biex isejjaħ lill-fidili għall-quddies u devozzjonijiet oħra.

L-artal maġġur huwa tal-irħam u sar ġdid mat-tkabbir tal-knisja u ġie kkonsagrat mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana OSA. Iż-żewġ statwi kbar u sbieħ ta' San Ġużepp u San Franġisku Saverju u li jinsabu f'żewġ niċeċ fil-knisja, saru wkoll fi żmien Dun Santin u nġabu minn Marsilja. Tajjeb li nsemmu li Dun Santin huwa ħu Mons. Ġużeppi De Piro, fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, u li miet b'fama ta' qdusija. Il-Familja Nobbli De Piro, kellhom il-villeġjatura tagħhom f' San Pawl il-Baħar. Il-Mewt ta' Dun Santin ġrat fid-dar tiegħu f' San Pawl il-Baħar fid-19 ta' Lulju 1929 fejn fit-testment tiegħu ħalla obbligu lill-Patrijiet Karmelitani tal-Imdina li jħallsu lira sterlina kull sena għall-bżonnijiet ta' din il-knisja. B'hekk nafu bis-sħiħ li Dun Santin De Piro ma ħabbx biss din il-knisja f' ħajtu, imma wkoll wara mewtu.



Jinsab ukoll f' din il-knsija kwadru ċkejken tal-Madonna ta' Pompei b' kuruna tal-fidda fuq rasha li jġib id-data 1765. Fis-Sagristija nsibu kwadru ċkejken bid-digriet mogħti mill-Papa Piju IX fit-12 ta' Awwissu 1855 biex titwaqqaf il-Via Sagra f' din il-knisja.

Wara Dun Santin, din il-knisja kellha bħala rettur lil Dun Salvatore Camilleri mill-Mosta, imma dan ma damx jieħu ħsiebha għax mingħajr ma

nafu r-raġuni, għalaqha u ta l-imfietaħ tagħha lil waħda mill-ġirien. In-nies ta' dawk l-inħawi dlonk bdew jilmentaw minn dan mal-Kappillan ta' San Pawl il-Baħar li dak iż-żmien kien Patri Beneditt Ġużeppi Cauchi fejn dan għamel talba lill-Kappillan tan-Naxxar u l-Kurja tal-Isqof biex din il-knisja tibda tiġi amministrata mill-Parroċċa tad-Duluri. Il-kappillan ta' wara Patri Beneditt kien Patri Antonju Formosa Kerr li kompla jaħdem bla heda biex ix-xewqa li jibdew imexxu din il-knisja l-Patrijiet Konventwali mill-Parroċċa tad-Duluri ssir realtà. Nafu li fl-istorja kien daħal anke l-Ġeneral tal-Patrijiet Konventwali li kien Patri Feliċ Romolo M. Carta OFM Conv li talab biex din il-knisja tiġi fdata f' idejn il-patrijiet residenti fil-parroċċa l-ġdida. Kien fit-8 ta' Frar 1930 li din il-knisja għaddiet għand il-Franġiskani Konventwali tal-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar biex jamministrawha huma. Però nafu wkoll li l-Kurja kienet talbet inventarju dettaljat ta' kulma fiha l-knisja. Dan l-inventarju jġib id-data tal-10 ta' Marzu 1930 u ffirmat mill-Kappillan innifsu Patri Antonju Formosa Kerr, Patri Franġisk Vella u Patri Ġerardu Lavanzin. Nafu li din il-knisja kienet u għadha mgħammra b' dak kollu li kien meħtieġ biex tiffunzjona sew! Dejjem kellha retturi u benefatturi li raw li ma jkun jonqosha xejn. Fis-sena 1963, fi żmien li Patri Dumink Bonello OFM Conv kien Kappillan tal-Parroċċa kienu nxtraw 12-il gandlier tar-ram għall-festa u anke xi fjuretti ġodda. Fl-1974 Patri Bastjan Scicluna OFM Conv. ħadem artal tal-injam, biex il-quddiesa setgħat issir kif kien talab il-Konċilju Vatikan II. Ma nistax ma nsemmix lil Aħwa Karmena u Rita Bonnici li għall-bosta snin ħadu ħsieb din il-kappella bl-aħjar mod li setgħu. Is-Sagristan prezenti tagħha huwa s-Sur Joe Stafrace, fejn flimkien ma martu Carmen u n-neputi Nashneil, jieħdu ħsieb li din il-kappella tinżamm fl-aħjar kundizzjoni li tista tinżamm.



Il-patrijiet komplew jieħdu ħsieb il-kura mhux biss ta' din il-knisja imma fuq kollox dik spiritwali mhux biss tal-villeġġjanti imma fuq kollox ta' dawk li llum huma residenti s-sena kollha madwar din iż-żona "tal-Karmnu". Ta' kull sena ssir il-festa fis-16 ta' Lulju fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu b' quddiesa solenni lejlietha u nharha. Matul is-sena kollha, kull nhar ta' Sibt fil-5.00pm u nhar ta' Ħadd fit-8.00am ssir il-quddiesa kif ukoll kull nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar ssir waħda fil-5.00pm. Fix-xhur tas-sajf meta jkun hemm xi saċerdot tal- villeġjatura viċin din il-kappella, jieħu ħsieb iqaddes kuljum għal dawk li jkunu jixtiequ. Dil-knisja saret parti mill-istorja tal-parroċċa tagħna. Fuq kollox hija patrimonju li ħallewlna missirijietna. Jalla ħafna qlub ġenerużi, jkomplu jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej, biex qatt ma jonqsu l-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjuzi u b' hekk il-poplu t' Alla jibqa' jkollu s-servizzi spiritwali tiegħu anke fi knejjes żgħar bħalma hija din tal-Karmnu f'San Pawl il-Baħar!

Il-festa t-tajba!